MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 908/2002/1

**Avviz Numru 908/02 AJD**
**United Acceptances Finance Ltd.**

**vs**

**Joseph Borg u Marisa Borg in solidum**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkandannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u sittin lira Maltin (Lm64.00), bilanc minn ammont akbar, import ta’ kambjali iffirmati u accettati mill-konvenuti (Dok. 1) liema kambjali skadew izda ma thallsux nonostante li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha nkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Louis Thompson in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin lira Maltin (Lm64.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill- konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**